MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 855/2008

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Kat Marketing & Consultants Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' hames mija u tlieta u hamsin Euro u wiehed u tletin centezmu (€553.31) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 10115696 in rigward ghal servizzi lilu rezi mi-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat

kontestwalment ma’ dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Fis-seduta ta’ nhar it-Tnejn, 12 ta’ Jannar, 2009 deher il-konvenut li ammetta li huwa debitur tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hames mija u tlieta u hamsin Euro u wiehed u tletin centezmu (€553.31), bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 10115696 in rigward ghal servizzi lilu rezi mi-socjeta’ attrici u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------